MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2004

Appell Kriminali Numru. 217/2003

**Il-Pulizija**

**vs**

**Alfred Felice**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Alfred Felice talli f' Main Street, Qormi bejn il-11.30pm tal-25 ta' Lulju 1996 u 12.30am tas-26 ta' Lulju, 1996, saq vettura Nru H 5477

1 B'manjiera perikoluza;
2 Saq l-istess vettura b'giri aktar milli jmissu;
3 Kif ukoll naqas li jobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-Pulizija, persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt il-qadi ta' dmirijiethom;

4 W aktar ingurja jew hedded jew prova jaghmel offiza fuq il-persuna ta’ PC 1081 R Gauci, PC 372 N Micallef, PC 933 M Cutajar, PC 1472 Grech u PC 1315 J Abela, persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu ghamlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta’ dak is-servizz.

Il-prosekuzzjoni talbet li jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal perjodu ta’ mhux inqas minn tliet xhur;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-5 ta’ Novembru 2003 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Alfred Felice hati u kkundannatu multa ta’ Lm30 kif ukoll ordnat l-iskwalifika tal-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal perijodu ta’ tliet xhur;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Alfred Felice, minnu prezentat fis-17 ta’ Novembru, 2003 li permezz tieghu talab ir-revoka tal-imsemmija sentenza;

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali tas-26 ta' Marzu 2004;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

Semghet lill-avukat prosekutur u lill-avukat difensur;

Ikkunsidrat:-

L-ewwel aggravju ta' l-appellant huwa li l-ewwel Qorti ma applikatx *ex officio* l-preskrizzjoni fil-kaz in ezami. Ghalhekk l-ewwel li trid tigi deciza hija din il-pregudizzjali.

Id-diversi reati allegatament sehhew fil-lejl ta' bejn il-25 ta' Lulju 1996 u s-26 ta' Lulju 1996. L-ewwel u r-raba' imputazzjonijiet huma delitti li ghalihom tapplika l-preskrizzjoni ta' sentejn skond il-paragrafu (e) ta' l-artikolu 688 tal-Kodici Kriminali. It-tieni u t-tielet imputazzjonijiet huma kontravvenzjonijiet li ghalihom tapplika l-

preskrizzjoni ta' tliet xhur skond il-paragrafu (f) ta' l-istess artikolu 688 tal-Kodici Kriminali.

Ic-citazzjoni relattiva nharget fit-30 ta' Awissu 1996 biex l-appellant (allura imputat) jidher ghas-seduta tat-30 ta' Ottubru 1996. Mill-verbal tat-30 ta' Ottubru 1996 (fol. 2) jirrizulta li l-appellant deher izda, fuq talba tal-Kummissarju tal-Pulizija il-kawza giet differita ghat-22 ta' Jannar 1997 f'liema data l-appellant ma deherx (ara verbal a fol. 3 tal-process). Minn dakinhar inghataw mhux inqas minn tmien differimenti ohra[1] li ghalihom l-appellant (kif jirrizulta mill-verbali relattivi) ma deherx. Huwa deher biss fis-seduta tas-17 ta' Frar 1999.

Minn dan jidher li bejn l-ewwel dehra ta' l-appellant quddiem l-ewwel Qorti u t-tieni dehra tieghu quddiem l-istess Qorti ghaddew aktar minn sentejn u tliet xhur. U ghalkemm ma jirrizultax meta gie notifikat biex jidher ghas-seduta tas-17 ta' Frar 1999, dan ma setax kien aktar minn ftit granet qabel l-istess seduta. Sahansitra sas-seduta precedenti ghal dik (jigifieri dik tat-2 ta' Dicembru 1998 u li ghaliha l-appellant ma kienx deher) kienu diga` ghaddew aktar minn sentejn. U ma jirrizulta minn imkien li l-perijodu preskrittiv gie b'xi mod interrott minn xi att tal-procediment qabel ma kien diga` ddekkorra l-perijodu ta' sentejn. Lanqas ma jirrizulta li qatt inhareg xi mandat ta' arrest fil-konfront ta' l-appellant. Ma' dan kollu l-Avukat Generali jaqbel kif jirrizulta min-nota tieghu tas-26 ta' Marzu 2004;

Ghalhekk l-azzjoni fir-rigward ta' l-imputazzjonijiet kollha giet preskritta u l-aggravju ta' l-appellant f'dan ir-rigward jimmerita li jigi milqugh.

Finalment il-Qorti tixtieq taghmel osservazzjoni dwar it-tielet aggravju ta' l-appellant u dan qed taghmlu biss ghall-fini ta' korrettezza legali. Fit-tielet aggravju tieghu l-appellant sostna li l-ewwel Qorti ccitat l-artikolu 18(2) tal-Kap 65 meta dan ma kienx jezisti. Effettivament illum m'ghadux jezisti peress li fil-ligi issa vigenti l-artikolu 18

[1] Seduti tad-9 ta' April 1997, 11 ta' Gunju 1997, 15 ta' Ottubru 1997, 7 ta' Jannar 1998, 1 ta' April 1998, 24 ta' Gunju 1998, 7 ta' Ottubru 1998 u 2 ta' Dicembru 1998.

mhuwiex imqassam f'subartikoli. Izda kif kienet il-ligi vigenti meta sehhew l-allegati reati addebitati lill-appellant taht il-Kap 65, l-artikolu 18 kien fil-fatt imqassam f'sitt subartikoli[2]. Ghalhekk l-appellant f'dan l-aggravju ma kellux ragun.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tilqa' l-appell u tirrevoka s-sentenza appellata u dan billi tilqa' l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-appellant, tiddikjara l-azzjoni fir-rigward l-imputazzjonijiet kollha preskritta u hekk tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni, htija u piena.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[2] L-artikolu 18(2) kien jipprovdi: *"Wara kundanna ghal reat kontra dan ir-regolament il-qorti, fuq talba tal-prosekuzzjoni, b'zieda ghall-piena skond is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, ghandha tiskwalifika lill-hati milli jkollu jew jikseb licenza tas-sewqan jew licenza dwar il-motor-car misjuqa minnu fil-hin tar-reat ghal zmien mhux anqas minn tmint ijiem".*